**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D

Appell Nru: 149/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Graziella Muscat)**

**vs**

**Emanuel Sciberras**

Seduta tad-29 ta' April, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Emanuel Sciberras detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 31359M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar t'Ottubru 2009 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Floriana u nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. ghamel attentat vjolenti ghall-pudur ta' Connie Azzopardi

2. offenda l-pudur u l-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

3. gab ruhu b'mod li kkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi haddiehor hekk jibqa' kull darba minn dak l-okkazzjonijiet;

4. gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Connie Azzopardi;

5. gab ruhu b'mod li kien jaf jew kien imissu jaf li dan huwa ta' fastidju ghal dik il-persuna cioe' Connie Azzopardi;

6. issoggetta lil Connie Azzopardi ghal xi att jew kondotta li kellhom konotazzjonijiet sesswali, inkluz kliem bil-fomm u gesti, liema kondotta mhux mixtieqa mill-istess Connie Azzopardi u setghu ragjonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn l-istess persuna;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Marzu, 2015, li biha ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni izda sabitu hati tar-reat minuri kif ravvizat fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali u tar-raba u hames imputazzjoni u filwaqt li kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' €2,400 ma sabitux hati tat-tielet u apparentement is-sitt imputazzjoni u minnhom lliberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza inkwantu **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn iddikjarat li t-tielet "akkuza" ma tirrizultax filwaqt illi tirrevokaha u **thassarha** ghal bqija b'dan illi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom.

**Alternattivament** u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha **thassarha** fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg agravji dwar is-sejbien ta' htija u wiehed dwar il-piena. Fl-ewwel aggravju l-appellant iqis is-sentenza bhala wahda *unsafe and unsatisfactory* u dan il-gravam huwa msejjes fuq il-livell tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Fit-tieni aggravju, l-appellant jissolleva l-preskrizzjoni trimestrali kwantu sejbien ta' htija fil-ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 u aspett procedurali dwar ir-raba' u l-hames imputazzjoni u fit-tielet gravam jaghmel appell ghal-piena aktar miti;

2. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti tinnota karenza fl-istesura tas-sentenza appellata senjatament ghan-nuqqas tal-ewwel Qorti li tindika b'mod korrett l-artikolu tal-ligi li dwaru sabet htija fir-raba' u l-hames imputazzjoni. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jitlob li fl-ghoti tas-sentenza il-Qorti ghandha tghid il-fatti li taghhom tkun sabet htija,

taghti l-piena u ssemmi l-artikoli tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. L-ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali b'referenza ghar raba' u l- hames imputazzjoni. Dan jammonta ghall-nuqqas ta' osservanza tal-artikolu 382 li jgib mieghu in-nullita' tas-sentenza u ghalhekk din il-Qorti qeghda tissolleva din in-nullita' u tiddikjara s-sentenza nulla minhabba nuqqas ta' osservanza ta' formalita' essenzjali;

3. Illi n-nullita' appena deciza hija wahda parzjali u tirreferi biss ghal-dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet htija. "*It-thassir tas-sentenza japplika* ***biss*** *ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellat* ***jinstab hati****. Dan hu hekk peress li, l-ewwel nett, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jezigi li tkun indikata d-disposizzjoni tal-ligi biss fejn tkun qed tinstab htija u mhux ukoll f'kaz ta' liberazzjoni; u t-tieni nett, il-ghaliex kieku kien mod iehor, ikun qieghed indirettament ikun estiz id-dritt ta' appell tal-Avukat Generali bi ksur ta' l-Artikolu 413(1)(b). -* ***Il-Pulizija vs Charles Micallef App Krim 23.6.1995 VDG (Koll).*** Ara ukoll Il-Pulizija vs Joseph Farrugia 13.1.1995 VDG (Koll); Il-Pulizija vs Katya Victoria Camilleri – App Krim 19.10.2006 citata fis-sentenza Il-Pulizija vs Mark Attard 289/2006 DS – 19.5.2008;

4. Illi a propozitu ta' dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, tajjeb li jkun ukoll imfakkar illi (a) fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita'; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew*

*li tkun xort'ohra sostanzjali*"; (b) l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]); u (c) meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995])

5. Ghalhekk fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, dak li l-Qorti trid tiddeciedi dwaru hu f'dawk l-fatti li dwarhom instabet htija igifieri, l-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 u r-raba' u l-hames imputazzjoni. Dan hu hekk ghaliex jidher illi ghall-ewwel Qorti, ghaliex anke hawn huwa manifest nuqqas ta' kjarezza fis-sentenza kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, ma rrizultawx l-estremi tar-rejati ipotizzati fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni izda deherilha illi l-fatti jissodisfaw l-elementi tar-rejat aktar minuri, dak fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali;

6. Dan ifisser illi din il-Qorti ma tistax issa tissindika l-operat tal-ewwel Qorti kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni originarjament imposti la darba l-Avukat Generali ma appellax mill-istess. Kwantu l-ewwel imputazzjoni l-appellant josserva illi ghandu jkun liberat mis-sejbien ta' htija fl-artikolu 338(bb) tal-Kap 9, sejbien ta' htija aktar minuri ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, ghaliex din hija preskritta bit-trapass tal-perjodu trimestrili. L-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tliet xhur ghall-kontravvenzjonijiet. L-artikolu

338(bb) jipotizza wahda mill-kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku u ghalhekk huwa preskrivibbli bi trapass ta' tliet xhur;

7. Issa, l-allegati fatti kienu rappurtati li saru fix-xahar t'Ottubru, 2009 filwaqt illi c-citazzjoni inharget taht il-firma tal-Ispettur Prosekutur fis-16 ta' Gunju 2010 u prezentata l-Qorti fit-18 ta' Gunju 2010. Illi ghalhekk l-appellant ghandu ragun ghaliex meta inbeda l-process kriminali kontra l-imputat, l-azzjoni ravvizata fl-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 kienet preskritta. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun milqugh;

8. Kwantu ir-raba' u l-hames imputazzjoni, hemm zewg osservazzjonijiet li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni kif maghmula mill-appellant: l-allegata mankanza fil-provi (l-ewwel aggravju) u li r-raba' u l-hames imputazzjoni huwa rejat wiehed li jemanu mill-istess artikolu tal-ligi (it-tieni aggravju). Issa sabiex din il-Qorti tiddeciedi mill-gdid dwar il-fatti jehtieg li jkunu ezaminati l-provi migjuba li huma s-segwenti:

9. Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati jirrigwardaw rapport maghmul minn impjegata ta' dipartiment tal-Gvern dwar allegat attentat vjolenti ghall-pudur taghha u fastidju sesswali mix-xufier tal-istess dipartiment.

10. Il-kwerelanta xehedet illi meta bdiet taħdem fid-Dipartiment in kwistjoni, l-imputat kien diġa' jaħdem hemm bħala xufier u kien iwassalha l-Qorti meta kien ikollha xi każi tad-Dipartiment u dam jagħmel hekk għal madwar sena u

nofs xi tliet darbiet fil-ġimgħa u dan peress illi kien ikollha ħafna faxxikol xi ggorr. Fid-Dipartiment ħadmet bejn Ġunju tas-sena 2007 u Mejju 2010 u kien beda jwassalha madwar is-sena 2008. Tghid illi fil-21 t'Ottubru 2009 u diversi drabi ohra kienet għamlet rapport lid-Direttur dwar il-fastidju li kien qiegħed jagħtiha. Kien jgħidilha kliem mhux xieraq u jistedinha għal ċerti affarijiet kemm fil-karozza kif ukoll fid-dipartiment. Id-Direttur, izda, qatt ma ħa azzjoni minkejja d-diversi rapporti li għamlet u kien jghidilha li kellmu u li bħala xufier ma kellhomx 'il ħadd ieħor. Tghid illi darba ta daqqa ta' taġen fuq il-warrani taghha u spiċċat għamlet gimagħtejn fis-sodda għax kien laqtilha nerv. Darba daħħal CD fi-computer tagħha u din kienet kollha pornografija. U kien jużha l-istess diska fuq computer ieħor biex hi toqgħod tisma' l-ħsejjes. Darb'oħra qabdilha sidirha billi daħħal idu mill-blous, kien ukoll messilha l-parti intima taghha u kien dakinhar li ghamlet rapport lid-Direttur. Kemm-il darba ipprova jsuq fuqha bil-karozza u kien ukoll hargilha mus. Sussegwentement l-imputat kien trasferit wara r-rapport u hi kellha tirriżenja għaliex il-ħabiba tiegħu u kuġintu kienu fl-istess uffiċċju miegħu;

11. In kontro-eżami l-kwerelanta xehedet li dawn l-atti seħħew f'kamra li tinsab hdejn l-ufficcju tad-direttur kemm meta kienu tlieta minn nies kif ukoll meta kienu ħamsa. Huwa minnu li kienet talbet lill-istess imputat sabiex jirranġa s-sellatura tad-dar taghha wara li kien offrielha hu stess ghaliex dak iz-zmien kellha haddiem qed jghamlilha xi xoghol id-dar, hareg gharwien mix-*shower* taghha u ma rieditux aktar hemm gew, izda dak kien għadu fil-bidu li l-imputat

ittanta jaqbad magħha u meta mar ibiddel is-sellatura kien hemm binha d-dar għaliex talbitu li jkun hemm apposta. Dak iz-zmien l-imputat ma kienx għadu ghamel dawk l-avvanzi li bdew jiżdiedu maż-żmien. Meta kienet infurmat lid-Direttur illi wara li kien resqilha l-vettura taghha dahlilha c-cavetta tal-karozza f'sidirha kien wegibha li ma kienx hemm xufier iehor. Mistoqsija ghaliex kienet tirkeb fuq quddiem qalet li anke meta rikbet wara kien idawwar idejh u jdahhalha fid-dublett;

12. Fir-rakkont taghha li ghamlet bil-miktub mal-Pulizija u esebit in atti, l-kwerelanta tghid ukoll l-imputat gieli kien hemm okkażjoni fejn ħareġ il-parti tiegħu fil-karozza u gieli ukoll kien qabdilha l-parti taghha u kienet twissieh biex iħalliha bi kwietha.

13. Anthony Cachia, id-Direttur tad-dipartiment in kwistjoni xehed illi l-kwerelanta kienet għamlet ilment ta' fastidju sesswali f'Ottubru tal-2009. Kienet saret inkjesta dipartimentali u wara għaddew kollox lill-Avukat Ġenerali u kkonferma li kien irriżultalhom każ ta' fastidju sesswali. Ma kien mistoqsi l-ebda domanda, lanqas in kontro-ezami dwar jekk kienx minnu li kienu saru diversi rapporti u li qatt ma sar xejn dwarhom;

14. Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhud lill Jane Agius li kienet taf biss dwar id-daqqa ta' 'riga' skont kif irrakontatilha l-kwerelanta. Ma kienet taf xejn aktar hlief li gieli kien iħallieha tistenna fix-xemx. Oreste Calleja ukoll xehed li personalment ma kien jaf b'xejn u li qatt ma ressqet xi

rapport mieghu. Antoinette Calleja, li kienet taħdem bħala Direttur Compliance qalet li qatt ma kienet rat kunfidenzi żejda fuq ix-xogħol. Il-kwerelanta kienet tikkonfida fiha u kienet taghtha l-parir biex tirraporta kollox lid-direttur;

15. L-imputat ressaq bhala xhieda lil Joe Caruana li spjega fejn jinsabu l-ufficju u l-kamra in kwistjoni izda ma ftakar f'ebda inċident. L-istess inghad mix-xhud Michelle Lunetti kif ukoll li l-access ghall-internet huwa wiehed limitat. Dwar dan xehedet ukoll Susan Briffa li qalet li kienet tat il-password tal-computer tagħha lill-imputat sabiex jara xi gazzetti u li hadd ma qalilha li l-computer tagħha intuża għal skopijiet pornografiċi. Qatt ma kienet rat kunfidenzi żejda u ma jidhrilhiex li kien hemm xi lmenti oħra.

16. Mghamula din ir-rassenja tal-provi isegwi issa ezami taghhom mill-ottika tar-raba u l-hames imputazzjoni. Dawn jipottizzaw tnejn mir-reati ravvizati fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali li ghal fini ta' kompletezza u ghar-ragunijiet li ser isegwu qed ikun riprodott fl-intier tieghu:

**251A. (1) Persuna li:**

**(a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra; jew**

**(b) iggib ruhha b'mod li tkiun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna;**

**(c) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att ta' intimita' fizika; jew**

**(d) titlob favuri sesswali minghand persuna ohra;**

**(e) jew tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi**

**kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgieba mhumhiex mixtieqa, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degredanti, u jew intimidatorju lejha,**

**tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu**

**(2) .....**

**(3) .....**

**(4) .....**

17. Kif inhu minnufih evidenti, mir-rejati kollha ipotizzati fl-artikolu 251A, il-prosekuzzjoni, ghal ragunijiet li taf hi, xliet lill-imputat bl-ewwel tnejn minnhom li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern jistghu jitqiesu kemm komplimentari ghall-xulxin b'mod li jitqiesu *quid unum* jew alternattivi ghall-xulxin kif ukoll indipendenti minn xulxin. Dan huwa rejat wiehed li jista'jiehu diversi forom u la darba l-prosekuzzjoni xliet lill-imputat bi ksur ta' tnejn minn dawn l-iptoezi, allura jehtieg li jkun hemm gudizzju dwar it-tnejn li huma;

18. Kif inhu palezament akkolt fil-gurisprudenza, sabiex tirnexxi l-imputazzjoni tal-fastidju kif ravvizata fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, jehtieg li jkun hemm "*a course of conduct*" u ghalhekk mhux sufficjenti ghal fini ta' prova jekk jirrizulta  li l-allegata molestja sehhet f'okkazzjoni wahda naturalment bil-kelma "okkazzjoni" suggetta ghall-interpretazzjoni.  Issa l-kwerelanta xehedet illi dan l-allegat

agir sehh b'mod sistematiku u mifrux tul iz-zmien tal-impjieg taghha mad-dipartiment. Dak li allura issa jehtieg li jkun deciz hu jekk din il-Qorti temminx il-verzjoni tal-kwerelanta;

19. Dwar dan, trid tittiehed in konsiderazzjoni s-sottomissjoni tal-imputat li l-kwerelanta mhix persuna kredibbli. Fil-kontro-ezami taghha, l-imputat ittanta jiskredita l-kwerelanta sia b'domandi in kontro-ezami taghha, tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u b'introduzzjoni ta' xhieda in difesa. Minn dan kollu izda ma hemm xejn li din il-Qorti tista' tghid li jhossha mhix konvinta mill-allegazzjonijiet tal-kwerelanta. Kawzi ta' din in-natura bosta drabi jipprezentaw xenarju fejn il-provi jkunu mghamula mid-deposizzjoni tal-kwerelant jew kwerelanta kontra dik tal-imputat jew imputata. Fil-kaz odjern l-imputat ghazel li ma jixhidx, kif kien id-dritt tieghu li jaghmel. Xorta wahda jipprevali l-principju *ei incumbit probation qui dicit* u ghalhekk fil-kaz odjern sabiex tinsab htija kontra l-imputat jehtieg li l-Qorti tkun konvinta minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-fatti verament sehhew u bil-mod kif rakkontati mill-kwerelanta;

20. Fil-kors tax-xiehda taghha, l-kwerelanta ddikjarat illi dan l-allegat agir tal-imputat ma kienx wiehed solitarju u li kien ilu diversi xhur jittantaha u jghamlilha suggerimenti sesswali u proposti indicenti inkluz li juriha hwejjeg pornografici u sahansitra imissilha saqajha meta jwassalha bil-karozza fuq ix-xoghol bhala xufier tad-dipartiment. Dwar dan tghid li ghamlet diversi rapporti lid-direttur tad-dipartiment li, izda, kien jghidilha li lilu biss ghandhom bhala

xufier u li b'hekk din il-Qorti tifhem li ma kienx hemm rimedju ghall-ilmenti serji taghha;

21. Id-direttur tad-dipartiment xehed illi l-kwerelanta kienet ghamlet rapport mieghu dwar fastidju sesswali f'Ottubru, 2009 u huwa immedjatament rrefera l-kaz lill-Bord skond il-proceduri tad-dipartiment. Huwa qatt ma kien mistoqsi dwar u fil-fatt ma qal xejn dwar ilmenti precedenti li l-kwerelanta tghid li ghamel mieghu. L-assistent direttur tad-dipartiment jghid li l-ewwel darba li sema' dwar dan il-kaz kien meta baghtu ghalih il-Pulizijia jistaqsuh informazzjoni dwar l-imputat u il-kwerelanta. L-uniku ilment li kienet ghamlet mieghu il-kwerelanta kien li bhala xufier l-imputat kien idum ma jigi ghaliha meta ssejjahlu u jichad li qatt ghamlet rapport mieghu dwar l-imputat. Tajjeb li jkun osservat illi fl-istqarrija tal-kwerelanta esebita a fol 20, la darba l-ewwel Qorti kkoncediet li din tkun esebita, tghid illi kienet ghamlet rapport mal-assistent direttur li l-imputat kien saq ghal fuqha bhala cajta meta wassalha l-Belt u kien dahhaq lin-nies biha.

22. Il-Qorti hija konvinta fil-grad rikjest mil-ligi li l-fatti sehhew kif rakkontati mill-kwerelanta u konsegwentement qed issib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni dik li gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-kwerelanta. Stante li f'aktar minn okkazzjoni wahda, l-imputat gab ruhu b'mod li messu kien jaf li l-agir tieghu hu wiehed ta' fastidju, qed issibu ukoll hati tal-hames imputazzjoni;

23. Ghalhekk, wara li rat l-artikolu 251A (1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali, u wara li rat il-fedina penali tieghu, qed issib lill-imputat hati tar-raba' u l-hames imputazzjoni, ma ssibux hati tal-imputazzjoni ipotizzata fl-artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 stante li hija preskritta u tikkonferma l-liberazzjoni tieghu mill-ewwel, t-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjoni u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali, qed tikkundannah ghall-multa ta' €2,500.00